MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 837/2002

**Filippa Abela u Joseph Abela.**

**-vs-**

**Loreto Abela u Maria mart Francis Attard.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-22 ta’ Lulju, 2002 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi l-kontendenti flimkien u indivisament bejniethom għandhom in-nuda proprjeta’ tal-fond 5 u 5A, Pjazza San Filep, Żebbuġ, li hu soġġett għad-dritt ta’ abitazzjoni, użu u użufrutt favur l-attriċi Filippa.

Illi l-attriċi u l-konvenuta Maria Attard għandhom id-dritt li

jakkwistaw l-imsemmi fond bil-prezz li jiġi stabilit minn perit arkitett ta’ l-għażla tagħhom.

Illi jidher li l-konvenuta mhix interessata f’dak l-akkwist, iżda l-attriċi trid takkwistah, tant li ottjeniet stima ta’ perit u kkomunikata lill-kontendenti l-oħra.

Illi l-attur Joseph Abela lest li jittrasferixxi sehmu lill-attriċi, iżda l-konvenuti baqgħu ma tawhiex risposta jekk iridux ibigħulha sehmhom.

Illi l-istanti ma jridux jibqgħu aktar fi stat ta’ indiviżjoni mal-konvenuti dwar l-imsemmi fond.

Għalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex;

1. tiddetermina u tistabilixxi l-kwoti rispettivi ta’ komparteċipazzjoni ta’ kull wieħed mill-kontendenti fil-fond 5 u 5A, Pjazza SaN Fileb, Żebbuġ;

2. tiddikjara u tiddeċiedi li l-attriċi għandha dritt li tixtri sehem il-komproprietarji tal-fond 5 u 5A, Pjazza San Filep, Żebbuġ;

*3.* tordna li s-sehem tal-kontendenti l-oħra tal-imsemmi fond jinbigħ lill-attriċi kif ordnat bit-testment, bil-prezz li tistabilixxi din il-Qorti okkorrendo permezz ta’ perit arkitett, u tikkundanna lill-konvenuti li jaddivienu għal kuntratt tal-bejgħ fil-ġurnata, ħin u post li jiġi stabilit, u tinnomina nutar biex jippubblika l-att tal-bejgħ u kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaċi fuq dak l-att; u *alternattivament*

4. tordna l-bejgħ fil-liċitazzjoni tal-imsemmi fond biex ir-rikavat jinqasam u jittieħed mill-kontendenti skond ir-rispettivi kwoti li għandhom mill-istess fond, kif fuq determinati;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Ġunju, 2002, kontra l-konvenuti li għandhom jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, ippreżentata fl-14 ta' Mejju, 1997, li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi l-atturi jonqsu milli jindikaw minn fejn joħroġ id-dritt li huma jsemmu fit-tieni premessa taċ-ċitazzjoni tagħhom, jiġi għalhekk li ċ-ċitazzjoni hija nulla stante li tpoġġi lill-konvenuti f'pożizzjoni ta' impossibilita' li jiddefendu ruħhom kif jixtraq; illi ċ-ċitazzjoni hi nulla wkoll għax ma turix b'mod ċar fil-premessi minn fejn joħorġu d-drittijiet li huma qegħdin jippretendu fit-talbiet.

3. Illi l-artiklu għaxra (10) tat-testment ta' Andrea u Grazia Abela tat-30 ta' Mejju, 1978 atti Nutar Nikola Said ma jitkellimx fuq stima magħmula unilateralment mill-atturi. Mill-qari tat-testmenti jirriżulta li għaxar Artiklu tat-testment ċitat ma jagħtix id-dritt lill-attriċi li ġġib perit waħedha jew li tixtri waħedha. Hi tista' tagħmel dan flimkien ma' Maria Abela illum Attard. Intant anke l-perit irid jitqabbad konġuntivament. Ma tistax l-attriċi tiskarta l-eżistenza ta' Maria Attard.

4. Illi kontra dak indikat mill-attriċi, il-konvenuti jeċċepixxu li anke Maria Attard hija interessata u minn dejjem kienet interessata li tixtri l-proprjeta' in kwistjoni u dwar dan il-fatt Maria Attard gia' informat lill-attriċi diversi drabi. B'hekk it-tieni u t-tielet talba ma jistgħux jiġu milqugħa.

5. Illi kif ser jiġui ppruvat mhux minnu li l-konvenuti ma rrispondewx għat-talbiet tal-attriċi. Il-konvenuti kienu qegħdin jissuġġerixxu li jitqabbad Perit komuni u

indipendenti pero' kienet l-attriċi li naqset li tirrispondi pożittivament għal din il-proposta; b'hekk l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri għandhom ibatuhom l-istess atturi.

6. Illi l-għaxar artiklu tat-testment ma jistax jinqara barra mill-kuntest ta' dak it-testment sħiħ. L-intenzjoni ċara tat-testment kienet li ż-żewġ nisa jibqgħu jgħixu fil-post u li b'hekk iż-żewġ nisa f'daqqa jkollhom id-dritt li jixtruh f'daqqa – ma teżistix il-possibilita' li jixtruh separatament.

7. Illi l-konvenuti qegħdin jipprevalixxu ruħhom minn din il-kawża sabiex jippreżentaw il-kontro-talba tagħhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, ippreżentata fil-21 ta' Ottubru, 2002, li permezz tagħha eċċepixxa;

Illi l-partijiet huma eredi ta' ta' Andrea u Grazia Abela u dan skond żewġ testmenti preżentati bħala dok A u B flimkien maċ-ċitazzjoni.

Illi skond it-testment unica charta Dok. A, il-ħames artiklu jindika li Filippa Abela u Maria Attard illum Abela, kellhom id-dritt li jibqgħu jabitaw fid-dar 5 u 5A, Pjazza San Filep, Żebbuġ, u li jagħmlu użu mill-oġġetti fl-istess dar għaż-żmien kollu li l-imsemmija Filippa u Maria jibqgħu xebbiet u dan bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom f'każ li waħda mill-partijiet tiżżewweġ;

Illi Maria Attard iżżewġet u telqet pero' Filippa Abela ilha żmien twil tikkoabita permanentement ma' Paul Attard u hi baqgħet tokkupa u tabita fl-istess dar.

Illi huwa ċar li t-testatarji ma kellhomx f'moħħhom li jippreferu lil min miż-żewġ uliedhom iddeċieda li jgħix ħajja ta'

konkubinaġġ. U dan hu anke evidenti mid-disposizzjonijiet reliġjużi li għamlu fl-istess testment;

Illi għalhekk il-konvenuta Filippa Abela la darba iddeċidiet li tidħol f'relazzjoni ta' konkubinaġġ (a) ma kellhiex aktar dritt għall-abitazzjoni fl-imsemmija dar u (b) ma kellhiex aktar dritt għall-użu tal-oġġetti li jinsabu fl-imsemmija dar – liema oġġetti huma elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni numru 2476/00 li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa Dok MA.

Illi fil-fatt illum l-attriċi Filippa Abela qed tgħix ma' Paul Attard fil-fond 16 u 17, Lorenzo Gafa' Str; Żebbuġ – u ilha hemmhekk ċirka sentejn u nofs;

Illi għalhekk Filippa Abela għamlet żmien tgħix fl-istess dar mhux aktar protetta mid-dritt ta' abitazzjoni u għal dan il-perjodu hi għandha tħallas lil ħutha għal sehemhom minn kumpens għall-okkupazzjoni tad-dar sħiħa.

Illi l-konvenuti jridu jieħdu sehemhom mill-wirt u cioe' ukoll mill-oġġetti li kienu qegħdin fl-imsemmija dar u cioe' l-oġġetti ndikati fid-dok MA.

Għalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-attriċi Filippa Abela tilfet id-drittijiet mogħtija lilha f'Artiklu 10 tat-testment Dokument A meta hi bdiet ħajja ta' konkubinaġġ;

2. Tiddikjara li l-oġġetti kollha li kienu jinsabu fid-dar 5 u 5, Pjazza San Filep, Żebbuġ għandhom jinqasmu bejn il-kontendenti skond il-kuntratt;

3. Tiddikjara x'kienu l-oġġetti li kienu jinsabu fl-imsemmija dar fid-data tal-mewt ta' Grazia Abela u liema huma l-oġġetti li għadhom preżenti;

4. Taqsam l-oġġetti li għadhom preżenti f’erba’ ishma

ugwali u tagħti sehem lil kull wieħed mill-partijiet u dan jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta’ periti nominandi;

5. Tillikwida l-valur tal-oġġetti li ma għadhomx preżenti jekk hemm bżonn permezz ta’ periti nominandi; u jekk hemm bżonn permezz ta’ periti nominandi tillikwida s-sehem spettanti lill-konvenuti mill-ammont dovut mill-attriċi Filippa Abela għaż-żmien li hi għamlet tokkupa u tgħix fid-dar 5 u 5A, St. Philip Square, Żebbuġ mingħajr ma kienet protetta mid-dritt ta’ abitazzjoni.

6. Tordna lill-konvenuta Filippa Abela tħallas u tagħti lill-konvenuti nofs il-valur tal-likwidazzjoni magħmula skond il-ħames talba.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata u bl-interessi.

L-atturi huma minn issa nġunti biex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta’ l-atturi għall-kontro-talba tal-konvenuti, ippreżentata fit-12 ta’ Novembru, 2002, li permezz tagħha eċċepew;

1. Illi d-domandi fil-kontro-talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi l-esponenti Filippa Abela tiċħad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni ingurjuża u diffamatorja ta’ konkubinat fil-konfront tagħha, liema allegazzjoni ma hijiex vera, u toffendi d-dinjita’ u l-karattru tagħha ta’ xebba.

3. Illi lanqas ma huwa minnu li l-esponenti Filippa Abela ma tabitax fil-fond 5 u 5A, Pjazza San Filep,

Żebbuġ, għaliex fil-fatt hija dejjem abitat hemmhekk, fejn għandha ħwejjiġha u darha u l-ħanut.

4. Illi l-esponenti aġixxew bil-kawża għaliex il-konvenuti baqgħu retiċenti u ma tawx risposta lill-esponenti dwar li Filippa Abela tixtri d-dar 5 u 5A, Pjazza San Filep, Żebbuġ, kif iddisponew il-ġenituri fit-testmenti.

5. Illi m'hemmx dubbju li Maria Attard iddekadiet mid-drittijiet kollha mħollija lilha bħala xebba fit-testment tal-ġenituri meta hija żżewġet u telqet mill-imsemmija dar, u telqet il-ġestjoni tan-negozju tal-ħanut li kellhom flimkien hi u oħtha Filippa fl-imsemmi fond.

6. Illi t-testment tal-ġenituri huwa ċar li meta l-konvenuta Maria Attard iżżewġet iddekadiet mid-dritt ta' abitazzjoni u drittijiet oħra, inkluż dak ta' xiri tad-dar, imħollijin liż-żewġ xebbiet, u dawk id-drittijiet akkrexxew favur il-waħda li baqgħet xebba, kif espress fit-testment.

7. Illi f'din il-kawża l-Qorti m'għandhiex tinjora t-testmenti tal-ġenituri tal-kontendenti kif qed jipproponu l-konvenuti fil-kontro-talba, li ma jsemmux konkubinat, imma kollox għandu jsir skond dawk it-testmenti, u mhux skond it-talbiet fil-kontro-talba li huma bażati fuq premessa falza u fuq disposizzjonijiet testamentarji fittizji.

8. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Għalhekk, u fi kwalunkwe każ, it-talbiet fil-kontro-talba għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-konvenuti rikonvenzjonanti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ġunju, 2006 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenuti.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali nkluż in-nota ta' l-osservazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Il-kawża odjerna hija waħda ta' interpretazzjoni ta' testment u kwindi l-punt li jrid jiġi determinat huwa wieħed purament legali. Fil-verita' pero' x-xhieda li tressqu mill-partijiet kienu rilevanti għall-punt fattwali jekk l-attriċi hijiex qed tikkoabita ma' Paul Attard u għalhekk iddekadiet mil-legat imħolli lilha mill-ġenituri tagħha permezz tal-ħames artikolu tat-testment unica charta tagħhom li sar fl-1978 in atti Nutar Nicola Said, dejjem skond il-konvenuti.

Dan l-artiklu jgħid testwalment;

"*It-testaturi jħallu b'titolu ta' prelagat liż-żewġ uliedhom bniet Filippa u Maria aħwa Abela id-dritt li jabitaw gratuitament flimkien sakemm ma jiżżewġux fid-dar fejn qegħdin jabitaw it-testaturi 5 u 5A, St. Philip Street, Zebbug.*"

Naturalment il-kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' testment tqum meta l-intenzjoni tat-testatur ma toħroġx ċara mid-disposizzjonijiet tat-testment għaliex altrimenti ma jkunx hemm eba dubbju. Kif ġie ritenut fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 1958 fl-ismijiet <u>Carmelo Sant vs Dr. Giuseppe Cauchi</u>;

"*Fil-qrati Maltin ġiet dejjem addottata u applikata f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja r-regola fondamentali tad-dritt Ruman non alter a significatione verborum recedi oportet quam manifestum sit aliud senisse testatorem. Għalhekk meta d-disposizzjoni hija ċara, għandha tirċievi l-esekuzzjoni tagħha. Hu ċert ukoll li l-initenzjoni tat-testatur għandha tiġi desunta ex visceribus tal-istess disposizzjoni li tkun in kwistjoni. Ċertament tista' tiġi anke raffrontata ma' disposizzjonijiet oħra tat-testment.*"

Il-kwistjoni mqajjma f'din il-kawża ma jidhirx li għadha ġiet

qatt deċiża mill-Qrati tagħna. L-iskop wara disposizzjonijiet testamentarji simili huwa biex jiġu protetti ulied li ma jiżżewġux li allura ma jkollhomx dar tar-residenza separata minn dik tal-ġenituri (naturalment anke dan il-fatt illum il-ġurnata mhux dejjem jirriżulta li jkun il-każ iżda ċertament kien in-norma sa ftit snin ilu) u allura dawn ma jispiċċawx f'sitwazzjoni li ma jkollhomx kif ngħidu bil-malti, saqaf fuq rashom. Kuntrarjarjament għal dak li ssottomettew il-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, il-Qorti ma tħossx li għandha tagħmel ġudizzju morali fuq il-komportament ta' l-attriċi u għandha toqgħod ma' dak li tgħid il-liġi u f'dan il-każ dak li jgħid it-testment in kwistjoni.

L-argumenti mressqa mill-konvenuti rikonvenzjonanti huma bażikament tnejn u cioe' li l-intenzjoni tat-testaturi żgur li ma kinitx li l-attriċi tgħix f'konkubinaġġ fid-dar in kwistjoni u li l-Qorti ma tistax tippermetti sitwazzjoni ta' konkubinaġġ a bażi tas-sentenza ċitata minnhom Demanuele vs Faulkner.

Dwar l-ewwel punt il-Qorti ma thossx li hemm lok ta' interpretazzjoni tat-testment għaliex il-kliem tiegħu huwa ċar. L-unika kondizzjoni imposta fuq l-attriċi biex ikollha d-dritt ta' abitazzjoni msemmi huwa li ma tiżżewwiġx. Kif tgħid *ubi voluit dixit* għal liġi nistgħu ngħidu għat-testatur (i). Il-Qorti għalhekk ma tistax iżżid hi mad-disposizzjonijiet testamentarji.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-konkubinaġġ is-sentenza msemmija Demanuele vs Faulkner ma hijiex rilevanti għal dan il-każ. Dan għaliex dik il-kawża kienet tirrigwardja obbligazzjoni naxxenti minn relazzjoni ta' konkubinaġġ u allura l-Qorti irriteniet li l-*causa* tal-kuntratt kienet illeċita u kwindi ebda parti ma setgħet taġixxi ġudizzjarjament a bażi ta' dik il-kawża. Kif gia' ingħad il-Qorti ma tħossx li għandha tagħmel ġudizzju morali fuq l-aġir ta' l-attriċi. Fil-waqt li jista' jkun li t-testaturi ma kellhomx ħsieb li binthom tgħix ma' raġel ieħor fid-dar in kwistjoni jista' jkun ukoll li raġuni oħra għad-dispozizzjoni msemmija kienet waħda

ekonomika fis-sens li riedu jipproteġu lil xi ħadd minn uliedhom bniet li kienu

għadhom mhux miżżewġa minn diffikoltajiet finanzjarji biex ikollhom fejn jgħixu mingħajr sapport ekonomiku ta' raġel jaħdem.

Interessanti li fis-sentenza fuq imsemmija Sant vs Cauchi il-Qorti ta' l-Appell għamlitha ċara illi;

"*Għandu wkoll jiġi osservat li meta l-kwistjoni tkun dwar jekk il-legat għandhiex jiġi ammess jew eskluż l-interpretazzjoni għandha tkun favur il-legatarju iżda meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantita' tal-legat l-interpretazzoni għandha tkun favur l-eredi.*"

F'dan il-każ il-Qorti għandha quddiemha ammisjoni ta' legat u għalhekk se tiddeċiedi favur il-legatarja u cioe' l-attriċi. Il-Qorti a bażi ta' dan ma hijiex se tidħol fil-kwistjoni jekk l-attriċi hijiex qed tikkoabita għaliex dan ma jibqax rilevanti.

**Il-Qorti għalhekk tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-attriċi u tiċħad l-ewwel talba tal-konvenuti. Minħabba n-novita' tal-każ, l-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------